**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Dicembru, 2016

Rikors Guramentat numru : 106/13 AL

A B
Vs
Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Louisa Tufigno b'digriet tat-23 ta' Settembru 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti R B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-hamsa (5) ta' Awissu tas-sena elf disgha mija u disgha u sebghin (1979) (ara certifikat taz-zwieg anness bhala Dok A).
2. Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom erbat itfal R li llum ghandha tlieta u tletin sena (33), G li llum ghandha wiehed u tletin (31) sena, K li llum ghandu tletin (30) sena u L li llum ghandha sittax (16) il-sena:
3. Illi l-intimat rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn l-partijiet impossibbli, permezz ta' sevizzi, mohqrija, theddid,

adulterju u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront tal-istess rikorrenti.

4. Illi r-rikorrenti dejjem ghamlet l-almu taghha sabiex iggib ruhha ta' mara mizzewga u tipprova ssalva dan iz-zwieg;
5. Illi nonostante dan l-intimat ghamel dejn kbir minghajr l-konoxxenza tal-esponenti billi ghamel diversi kumpaniji u meta falla qabad u telaq minn Malta u halla lill-esponenti wahidha sabiex trabbi erbghat (4) itfal u kif ukoll sabiex thabbat wiccha mad-diversi kredituri li bdew jigu jhabbtu l-bibien ghall-flus tant li anki darulha ghall-ghamara tad-dar u l-affarijiet personali taghha.
6. Illi l-intimat ilu mahrub ghal tlettax (13)-il sena minn Malta.
7. Illi kien ghalhekk li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess intimat.
8. Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata biex tipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet hawn anness u mmarkat bhala Dokument B.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna u ghar-ragunijiet fuq imsemmija :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn mal-intimat.
2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Brendlee lir-rikorrenti.
3. Tordna li r-residenza tal-minuri L tkun mar-rikorrenti.
4. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment ghall-istess minuri li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti martu filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu /jista jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.

5. Tiddikjara li l-intimat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand r-rikorrenti mentri hi jibqghalha d-dritt li tesigi minghandu l-hlas ta' manteniment ghaliha.
6. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti martu, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu / jista' jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.
7. Tapplika kontra l-intimat l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lir-rikorrenti.
8. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-partijiet u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-intimat huwa unikament hati ghas-separazzjoni personali u kif ukoll tenut kont li l-intimat huwa dak li ghamel id-dejn kollu li hemm gravanti l-komunjoni tal-akkwisti u tassenja porzjoni lill-intimat u prozjoni lir-rikorrenti ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.
9. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni kollha dotali u/jew parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attrici taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.
10. Tordna li l-attrici tibqa tabita fid-dar konjugali li tinsab flat 6 Block D Tal-Palazz l-Ahmar, Santa Venera ad

eskluzjoni tal-intimat u taghti kull procediment xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors kontra l-intimat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Simon Micallef Stafrace u il-PL Louisa Tufigno, li *in forza* taghha huma eccepew : (fol. 41)

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Simon Micallef Stafrace u il-PL Louisa Tufigno;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Novembru 2014 li permezz tieghu hatret lil Dr. Anna Mallia bhala perit legali f'din il-kawza.

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr Anna Mallia mahluf minnha fit-3 ta' Mejju 2016 li qieghed jigi riprodott kif gej :

"A fol 30 din l-Qorti fis-17 ta' April 2013 awtorizzata lill-attrici tipprocedi bic-citazzjoni prevja konferm bil-guramen tu prevja n-nomina tal-kuraturi deputati ghall-assenti jekk ikun l-kaz.
Illi permezz ta' digriet tat-23 ta' Settembru 2013 din l-Qorti hatrek lill-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-PL Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti R B.

A fol 47 din l-Qorti kienet hatret lil Dr Nadia Vella bhala Assistenta Gudizzjarja sabiex tisma l-provi kollha f'din il-kawza.

A fol 70 din l-Qorti haret lill-esponenti bhala perit legali permezz ta' digriet tal-5 ta' Novembru 2014 wara r-rizenja ta' Dr Nadia Vella minn Assistenta Gudizzjarja.

**Rikors guramentat tal-attrici**

Illi fir-rikors guramentat taghha tal-4 ta' Gunju 2013, l-attrici Emanuel B tippremetti dan li gej:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-hamsa (5) ta' Awissu tas-sena elf disgha mija u disgha u sebghin (1979) (ara certifikat taz-zwieg anness bhala Dok A).

2. Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom erbat itfal R li llum ghandha tlieta u tletin sena (33), G li llum ghandha wiehed u tletin (31) sena, K li llum ghandu tletin (30) sena u L li llum ghandha sittax (16) il-sena:

3. Illi l-intimat rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn l-partijiet impossibbli, permezz ta' sevizzi, mohqrija, theddid, adulterju u offizi grazi da parti tieghu fil-konfront tal-istess rikorrenti.

4. Illi r-rikorrenti dejjem ghamlet l-ghalmu taghha sabiex iggib ruhha ta' mara mizzewga u tipprova ssalva dan iz-zwieg;

5. Illi nonostante dan l-intimat ghamel dejn kbir minghajr l-konoxxenza tal-esponenti billi ghamel diversi kumpaniji u meta falla qabad u telaq minn Malta u halla lill-esponenti wahidha sabiex trabbi erbghat (4) itfal u kif ukoll sabiex thabbat wiccha mad-diversi kredituri li bdew jigu jhabbtu l-bibien ghall-flus tant li anki darulha ghall-ghamara tad-dar u l-affarijiet personali taghha.

6. Illi l-intimat ilu mahrub ghall tlettax (13) il sena minn Malta.

7. Illi kien ghalhekk li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess intimat.

8. Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata beix tipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet hawn anness u mmarkat bhala Dokument B.

**Talbiet Attrici**

Illi l-attrici qed titlob dan li gej:

Jghid ghalhekk l-intimat l-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportun u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabli lill-intimat kif fuq spjegat u awtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn mal-intimat.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Brendlee lir-rikorrenti.

3. Tordna li r-residenza tal-minuri L tkun mar-rikorrenti.

4. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment ghall-istess minuri li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti martu filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu /jista jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.
5. Tiddikjara li l-intimata iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-intimata mentri hi jibqghalha d-dritt li tesigi minghandu l-hlas ta' manteniment ghaliha.

6. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti martu, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu//jista' jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.

7. Tapplika kontra l-intima tl-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lir-rikorrenti.

8. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-partijiet u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-intimat huwa unikament hati ghas-separazzjoni personali u kif ukoll tenut kont li l-intimat huwa dak li ghamel id-dejn kollu li hemm gravanti l-komunjoni tal-akkwisti u tassenja porzjoni lill-intimat u prozjoni lir-rikorrenti ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

9. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni kollha dotali u/jew parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-attrici taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-konvenut rikonvenjonant dik is-somma li ghandha tigi likwidata , okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.

10. Tordna li l-attrici tibqa tabita fid-dar konjugali li tinsab flat 6 Block D Tal-Palazz l-Ahmar, Santa Venera

ad eskluzjoni tal-intimat u taghti kull procediment xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjonit al-Familja) u tal-medjazzjoni precedent ghal dan ir-rikors kontra l-intimat li hum inn issa ingunt ghas-subizzjoni.

**Risposta tal-intimati noe**

Fir-risposta taghhom a fol 41 l-kuraturi deputati fir-risposta taghha irrileva li huma m'humie x edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jippresentaw risposta motivate f'kaz u jekkjigu edotti mill-fatti.

**Provi Attrici**

Dokumenti esebiti mill-attrici

Dok A fol 7 - estratt mic-certifikat taz-zwieg

Dok B fol 8 u 9 - digriet li jawtorizza lill-attrici tibda dawn il-proceduri.

*Seduta 3.2.2015*

Dok HSBC 1 - loan account

Dok HSBC 2 - kont savings f'isem ir-ragel

Dok BOV 1 - joint account f'isem il-partijiet

Dok BOV 2 - loan account li kien overdraft f'isem ir-ragel

Dok BOV 3 -statement ta' dan l-overdraft

*Seduta 16.3.2015*

Dok Bov (a) kont f'isem il-mara

Xhieda

**A fol 55 t-tifla tal-partijet R B** xehdet li lill-genituri taghha minn ckunita tiftakarhom dejjem jiggieldu u li huma qatt ma hargu mal-mama ghax missierhom anke biex imur jixtri kien imur hu. Dejjem missierhom kien jaqla l-inkwiet. Tammetti li bhala ikel u affarijiet qatt ma naqashom xejn pero bhala trobbija d-dar dejjem kien hemm ommhom. Missierhom kien jahdem ghalkemm ommhom gieli hadmet ukoll. Missierhom kien jahdem bhala salesman u filghaxija kien imur waiter. Aktar tard kien fetah hanut ta' grocery u n-negozju kien sejjer

tajjeb sakemm kien hemm ommha involuta fih izda meta missierha beda jghaffeg wahdu bhal meta fetah hanut aktar li ma kienx jiflah ghalih n-negozju falla.

Tispjega li meta tghid missierha ghaffeg ghax la kien sejjer tajjeb bil-hanut iz-zghir ma kellux ghalfejn jiftah hanut akbar minnu. Missierha jrabbi tmienja u ghoxrin (28) kelb. Fil-bidu dawn kien irabbihom d-dar u wara marru taht il-hanut. Kien tal-fehma li dawn l-klieb ma kellux jaghtihom biex ma jinhaqrux. Wara l-grocery huwa fetah restaurant ta' ikel cini fil-Mellieha. Dan ommha saret taf bi wara li ghamel kollox wahdu. Meta twieldet z-zghira ommha telqet mid-dar ghax missierha baqa jinsisti li ma jnehhix l-klieb u ommha marret tghix ghand ohtha ta' warajha.

Anke hi marret ma ommha ghand ohtha. Kien hemm hafna argument bejn l-genituri taghha ghax missierha kien jghajjarha li ghandha xi iehor.

Tispjega li l-bieb ta' barra kien ikun imsakkar ghax missierha kien isakkar lill-ommha gewwa u ommha kienet tkun imsakra gewwa u ghalhekk ma jistghax ikun li ommha qatt setgha kellha relazzjoni ma' xi hadd ghax ma kienx ikun jista jidhol d-dar bil-bieb imsakkar.

Fil-bidu r-restaurant ciniz kien sejjer tajjeb izda mbaghad missierha kien issellef xi flus minghand wiehed jghidulu l-Bona u dan il-Bona darba minnhom meta hija kienet id-dar kien mar ikisser il-hgieg u taf li din l-persuna kienet issellef l-flus b'imghax dejjem jitla u li ttih lura jkun ghalxejn. Tahseb li anke mal-agenti tal-hwienet kellu dejn missierha.
Tghid li wara li missierha kien jghafeg li kien imur jghid lill-ommha. Taf li misseriha ma jghix Malta u tahseb li siefer l-Ingilterra. Dan kien xi tlettax-il sena. Darba minnhom kienet qed terfalu xi hwejjeg lil missierha u fil-gwardarobba tieghu sabet nota fejn missierha qalilhom f'din l-ittra li lill mara jhobbha u la jigi lura jhallas id-dejn.

Kienu jigu marixxali d-dar mill-Qorti biex ikaxkru dak li kien ghad fadal id-dar. Darba minnhom hadu grandfather clock u

darba ohra hadu l-ghamara tal-kuridur. Dawn haduhom biex jaghmlu tajjeb ghad-dejn li ghamel missierha. Taqseb li ghad baqa dejn .

**A fol 59 fl-affidavit taghha l-attrici** tghid li meta zzewgu zewgha kien normali u ma kellha xejn xi tghid fih. Kien habrieki u qatt ma kellhom problem. Kellhom tlett itfal, R li ghandha 33 sena, G li ghandha 31 sena, K li ghandu 30 sena u L li ghandha 17-il sena. Lit-tfal dejjem rabbiethom bl-ahjar mod li setghet.

Tghid l-attrici li zewgha ilu mahrub madwar 13-il sena u kien telaq f'Awissu minghand hadd ma kien jaf. Saru jafu meta ma kienx baqa jmur d-dar.

Meta telaq minn Malta hija kienet Merhba Bik peress li kellha titlaq mid-dar minhabba li huwa kien jinfamaha, jghajjarha u dejjem ikissierha. Tghid li zewgha kien kattiv hafna maghha u dejjem kien jaghmillha hafna hsara. Zewgha ghamel hafna dejn. Kien jahdem bhala salesman u anke waiter ghal bidu li zzewgu .

Kien ghamel zmien jahdem ix-Xemxija u kien qallha li kien hemm Ciniza tahdem hemmhekk u li kienet ser tiftah restaurant u saret taf li zewgha fetah restaurant dakinhar li fethu meta d-dar qallha "Illum ser niftah ir-restaurant". Hi kien irrabjat hafna u lanqas biss marret tara dan ir-ristorant li kien jismu 'Shangrila' fil-Mellieha.

L-attrici tghid li hija qatt ma kienet parti minn dan in-negozju kien hemm zmien biss meta kellha tmur tghin biex tahseb l-platti. Beda lanqas flus ma jghadilha u lit-tfal kienet tghajjixhom bl-affarijiet li kien igibilha hu. Ma kienx ihalliha tohrog u kien jaqtilha gewwa d-dar. Lanqas fuq il-bejt ma kien ihalliha titla. Kien genninha.

Spiccat f'depression qawwija u kienet tkun iddisprata tant li riedet tmur taqbez. Kellha t-tifla li ghad kellha tlett snin biss u l-piz tal-hajja kollu fuqha.

Ghalhekk qabdet iz-zghira u marret biha Dar Merhba Bik u ghamlet seba xhur u nofs hemmhekk. Kien dan iz-zmien li bdiet tircevi hafna kartu li jirreferu ghal dejn li hija ma kienetx taf bih. It-tfal l-kbar kienu ghadhom jghixu fid-dar matrimonjali u anki d-dawl kienu qatghulhom.

Ftit zmien wara t-tfal infurmawhom li zewgha ma kienx ghadu jmur id-dar u ghal bidu hu kien qallhom li sejjer ghand ohtu izda meta t-tifla cemplet lil zijitha qaltilha li ma kienx mar ghandha. Bintha G ghalhekk ghamlet rapport li kien 'missing'.

Baghtu ghaliha tas-CID u saqsewha hafna mistoqsija fosthom kienetx taf li zewgha kien issellef bl-uzura izda hi qaltilhom li ma kienet taf b'xejn. Il-pulizija kient saqsewni rridx inkun naf fejn hu –ragel u huma qaluli li kien telaq mac-Ciniza.

F'dak iz-zmien l-attrici ddecidiet li tmur lura d-dar u gabret lill-uliedha kollha maghha u bdew gejjin l-marixxalli u hadulha l-ghamra kollha. Ippruvat taghmel xi pagamenti izda mbaghad bit-tfal xi trabbi ma setghax tlahhaq aktar.

Wara saret taf li zewgha kien ghamel kumpanija bl-isem Xiang Long company Limited (C-24687) u ghamel hafna dejn ma tal-laham u skoss nies ohra u saret taf ukoll li l-kont tad-dawl tal-mellieha ukoll ghamlu fuq ismu. Dan kien zmien difficlu hafna ghaliha u ghadha sal-lum bil-problemi u bid-djun li ghamel zewgha minghajr l-kunsens taghha.
L-attrici tghid li hija tghix fi flat tal-gvern bil-kera u dan inkera lilhom waqt iz-zwieg. Uliedha L u K ghadhom jghixu maghha f'dan il-flat.

Kellha taghmel din l-kawza biex tieqaf tkun attakkata mill-kedituri tal-kumpanija u tar-ragel li ghamel minghajr l-kunsens taghha u biex forsi ssib l-pace. Tghid li ghat-tfal zewgha qatt ma ghadda manteniment.

L-attrici tikkonkludi l-affidavit taghha billi tghid li bhalissa tahdem ftit sieghat biex tipprova ddawwar r-rota u jghixu

hajja dicenti izda dejjem bil-biza li gej xi marixxal jew pulizija ghalihom.

**Victoria Baldwin (seduta 4.12.2014)** xehdet li lill-attrici ilha tafha sitta u ghoxrin sena u tafha bhala mara sewwa hafna. Huma girien. Ir-ragel taghha qatt ma ratu ma mara ohra pero ma kienetx stmatha xejn ghax kienet tmur ghandha u dejjem imsakra gewwa. Il-klieb ghalih jigu l-ewwel qabel martu. Dan l-ahhar kellu hanut tal-grocer u wara restaurant tac-cinizi. Ma kienx jaghtiha flus kien ihalliha nieqsa minn kollox. Ir-ragel taghha harab u ma tafx fejn hu. Taf li t-tfal ghadhom mal-attrici u taf ukoll li l-attrici kienet Merha Bik met aharab u t-tfal hallihom id-dar. Qatt ma regghet ratu. Iz-zghira taf li kienet ma' ommha Merhba Bik meta hareb u l-attrici regghet irritornat id-dar meta sparixxa hu.

Rega xehdet fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2015 li ilha ma tara lill-konvenut ghal xi 14 jew 15-il sena. Li wara li telaq zewgha l-attrici dejjem hadme tghalihom. Tafha tahdem man-nies u kellha part time job. Liz-zewgha qatt ma ratu f'dawn l-ahhar 14-ils ena. Taf li tifla wahda baqa d-dar u ghadha l-iskola. Tnejn izewgu u wahda tghix ghal rasha.

**Xehdet Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC (Malta) plc (seduta 3.2.2015)** li f'isem l-mara ma hemm xejn kontijiet. Kontijiet kongunti l-partijiet ghandom loan account HSBC 1 u r-ragel ghandu saings account dok HSBC 2. Ir-ricerka saret dwar kontijiet bankarji miftuha fit-23 ta' Dicembru 2014 .
Fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2015 ghigo regghet xehdet li ghamlet ricerka fuq l-partijiet mis-sena 2005 sat-3 ta' Frar 2015 u ma sabet xejn aktar.

**Xehed ukoll fl-istess seduta Joseph Caruana in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc** li fuq l-mara sab joint account wiehed flimkien mar-ragel Dok Bov 1 u fuq r-ragel sab kont wiehed Dok BOV2 li hu loan account li kien overdraft u Dok Bov 3 li hu li statement ta' dan l-overdraft.
Xehed ukoll li Dok Bov 2 kien hemm disgha (9) deposits ta' ghoxrin (20) ewro li saru bejn 2002 u 2003. Transaction

vouchers ma ghandhomx gha zizommu sa hames snin. Dejn fuq ir-ragel wahdu hemm €20,96.95c sal-31 ta' Dicembru 2014.

Fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2015 rega xehed Joseph Caruana u li fuq l-mara sab kont wiehed u pprezenta Dok Bov (a) li hu li statement tieghu.

*L-attrici ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2015 u Dr Simon Micallef Stafrace ddikjar ali ma ghandux kontro-ezamijiet x'jaghmel u lanqas ghandu kuntatt mar-ragel u l-kawza tista tibqa ghas-sentenza.*

**Konsiderazzjonijiet**

F'din il-kawza il-perit legali kellha toqghod bilfors fuq il-provi prodotti mill-attrici.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza Marthese Vella pro et noe vs George Valla deciza mill-Prim Awla fit-28 ta' Frar 2003 "Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti ta' importanza minuri' (**Catherina Agius vs Benedict Agius Prim Awla, Qorti Civili 13 ta' Gunju 1967**:

"*La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civili (llum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12) e' da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dalle deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell-interesse manifesto del deponente, puo inferire dalla verosigiglianza del racconto, della corraborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecia i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personal dall'altro coniuge si volgono generalmenti entro il segreto delle pareti domestiche…"* (**Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia, Prim Awla Qorti Civili 7 ta' Marzu 1919**).

*Il-Qorti allura trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha u taghtihom dak il-piz li hu normalment*

*mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari.*

Jirrizulta li l-partijiet kienu mizzewgin u li minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat itfal, tlieta maggorenni li ghandhom aktar minn tletin (30) sena u dawn huma R, G u Roderik li llum ghandhom 35, 33 u 32 sena rispettivament u L li llum ghandha tmintax-il sena u ghadha tistudja full-time.

Gara li l-konvenut minn ragel hawtiel li kien jahdem ghal familja matul il-gurnata bhala salesman u filghaxija kien imur waiter. Wara fetah hanut tal-grocer u kien sejjer tajjeb u sakemm kienet tghin l-mara kollox kien mexa sew fil-hanut izda mbaghad ried jiftah hanut akbar u falla. Beda jahdem ix-Xemxija waiter u fetah restaurant ta' ikel ciniz il-Mellieha. Lil martu kien izommha fl-oskur ta' kollox u kien biss dakinhar li fetah ir-restaurant li qal lil martu. Martu ghamlet xi zmien tahsel il-platti f'dan ir-restaurant. Zewgha izda ma kien jghaddilha ebda flus u lit-tfal kienet tghajjixhom bl-affarijiet li kien igib id-dar.

Meta twieldet iz-zghira hija telqet mid-dar minhabba l-argumenti li kien ikollhom primarjament minhabba l-klieb u marret tghix ghand ohtha. Zewgha kien jghajjarha li ghandha lil haddiehor izda dan ma kienx il-kaz. Anke binthom l-ohra R l-kbira marret ma ommha ghand zijitha meta ommha telqet mid-dar.
Zewgha kien kattiv hafna maghha u dejjem kien jaghmlilha hafna hsara.

Gara li bdew jigu d-dar nies biex jithalsu tad-dejn li ghamel fosthom wiehed il-Bona u marixxalli marru d-dar jiehdu l-ghamara minhabba proceduri l-Qorti li ghamlu n-nies biex jithalsu. Zewgha ghamel hafna dejn u anke d-dawl qatghulhom.

Kien isakkar il-mara gewwa ma tistghax tohrog mid-dar lanqas fuq l-bejt izda kellu tmienja u ghoxrin (28) kelb li flus ghalihom kellu u li ma riedx inehhihom ghax ma riedx li

jispiccaw jinharqu ghand haddiehor. Kellhom hafna argumenti dwar dawn il-klieb izda huwa dejjem insista li dawn ma jnehhihomx.

Telqet Merhba Bik biz-zghira ghax ma felhitx aktar ghal din l-mohqrija u wara ftit xhur uliedha l-kbar infurmawha li missierhom qallhom li kien sejjer jghix ghand ohtu izda meta ccekjaw ma' ohtu din qaltilhom li ma marx ghandha. Marret lura d-dar u ghamlu rapport l-pulizija u kienu l-pulizija li qalulha li zewgha kien vitma ta' uzura. Wara saret taf li zewgha kien ghamel kumpanija ma' wahda ciniza bl-isem Xiang Long Company Limited li kien jahdem maghha fir-restaurant tax-Xemxija u l-pulizija qalulha li zewgha kien hareg ma' din ic-Ciniza. Wara wkoll saret lil-kont tad-dawl tar-ristorant tal-mellieha kien ghamlu fuq ismu.

Wara bint il-partijiet R B xehdet li sabet nota fil-gwardarobba fejn missierha kellu l-hwejjeg tghid li jhobbhom hafna u jhobb ukoll lill-attrici u li d-dejn kien ser ihalsu.

Gara li bdew ihabtu l-bieb diversi nies jghidu li ghandhom jiehdu minghand zewgha fosthom forrnituri tar-restaurant li kellu zewgha u tal-hanut tal-grocer li kien fetah zewgha. L-attrici tghid li zewgha qatt ma kien jinvolviha f'xejn u hija qatt ma tat il-kunsens taghha ghal dan id-dejn u ghal kull business li fetah zewgha ghajr meta kellhom grocer zghir.
L-attrici , bintha R u anke l-gara taghhom Victoria Baldwin kollha xehdu li l-konvenut ilu mahrub aktar minn erbatax jew hmistax (15)-il sena u li ma tafx fejn qieghed ghalkemm qalulha li qieghed l-Ingilterra.

Skont Baldwin it-tlieta l-kbar ma jghixux ma' ommhom u z-zghira ghadha tghix ma' ommhom u ghadha tistudja. Il-kbar tnejn izzewgu u wahda tghix ghal rasha.

**(1)L-ewwel talba**

Fl-ewwel talba taghha qed titlob s-separazzjoni bi htija imputabbli lill-konvenut permezz ta' sevizzi, mohqrija theddid, adulterju u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront tal-istess attrici.

Dwar l-eccessi, theddid u ingurji gravi, mill-provi jirrizultaw car fil-konfront tal-konvenut izda mhux l-adulterju.  Dwar l-eccessi l-perit legali thoss li huwa opportun li taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud (PA 30 ta' Gunju 1961**) fen inghad li fil-kuntest ta' separazzjoni bejn il-partijiet "*certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew atttegjament li jistghu jrrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji..*" .

Kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, ma hemmx ghalfejn li jikkonkorru s-sevizzi, l-ingurji gravi, t-theddid u l-minacci kollha flimkien izda huwa sufficjent li jigi ppruvat wiehed minhhom ghalkemm f'dan il-kaz il-perit legali thoss li lkoll jissistu.  Il-perit legali hawn taghmel referenza ghal-kawza fl-ismijiet "**Elisa Thompson vs Edward Thompson (PA 12/5/1925**) fejn din il-Qorti dakinhar sostniet illi:

*"Issa kif inhu pacifiku "puche' il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il-coniuge colpevole non e' necessrio che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingurie gravi ma qualunque di tale cause da sola basta, perche' sia tale da violare profondametne I riguardi della convivenza coniugale"*

Inoltre l-atteggjament ta' kull parti jkun tali mod li "*joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezaxperazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom*" (**vol. XXXI P1 p200; Vol XXVI P1 p246**).

Kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri ('**Caterina Agius vs benedict Agius" Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967).**

*Li 'indizji u prezunzjonijiet purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu*

*jiggudika*". (**Rita Schembri vs Av Dr Albert V Grech et noe (PA (CC) kollez. XXXVII.II.693).**

Hekk, per ezempju, "*biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien* ('**Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud' Appell Civili, 21 ta' Frar 1969).**

Dwar mohqrija din tirrizulta anke meta jkun hemm incident izolat , u s-sevizzi meta dawn ikunu 'abituali o almeno ripetute da rendere insopportabile la convivenza ' (**vol. IX pag.274**). fis-sentenza **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud (PA 30 ta' Gunju 1961**) fejn inghad *li fil-kuntest ta' separazzjoni bejn il-partijiet "certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew atttegjament li jistghu jrrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji.."*

Dwar <u>l-adulterju</u>, l-artikolu 38 tal-kap 16 jghid li "Kull parti mizzewga tista 'titlob l-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". I izda, stante d-diffikulta tal-prova kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet , purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordnati b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika.l-qrati taghna dejjem irirtenew li biex ikun hemm adulterju. ***(Rita Schembri vs Av Dr Albert V Grech et noe (PA (CC) kollez. XXXVII.II.693).***
Dwar l-adulterju, veru li l-attrici xehdet li kienu l-pulizija li zewgha harab minn Malta mac-Ciniza, izda l-perit legali tqis li dan ma giex ippruvat fil-grat li jirrikjedu l-Qrati tagha u dan ghaliex bhal ma rriteniet din il-Qorti fil-kawza **Rita Schembri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe (PA (CC) kollez. XXXVII.II.693)** l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adultejru jista jkun pruvat permezz ta' indizji u prezuzjonijiet purche dawn ikun gravi,

precizi, u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika.".
Mill-provi jirrizulta car li l-konvenut huwa hati tal-firda u min minhabba sevizzi, mohqirja, theddid u offizi gravi u dan meta rrenda l-hajja konjugali insopportabbli bl-agir tieghu meta l-klieb kienu jigu qabel il-familja, ra kbir meta ried ikabbar in-negozju tieghu u spicca biex ghamel hafna dejn u anke rrikorra ghall-uzura, meta lil martu ma kien jiddiskuti maghha xejn dwar il-pjanijiet tieghu ghan-negozju u meta harab mir-responsabilita tieghu u harab minn Malta u halla lil martu tiffaccja wahedha d-dejn li kien ghamel. Jinghad ukoll izda li l-provi ta' adulterju ma saretx fil-fehma tal-perit legali .

**(2) It-tieni talba**

It-tfal tal-partijiet illum huma kollha maggorenni u z-zghir L jekk ma ghalqitx it-tmintax-il sena waslet biex. F'kaz li ghadha ma ghalqitx it-tmintax-il sena, il-kura u kustodja ta' L ghandha tigi fdatha lill-attrici ommha.

**(3) It-tielet talba**

Din it-talba ghandha tigi milqugha sabiex l-minuri L tirrisjedi mal-omm jekk ghadha minuri.

**(4) Ir-raba talba**

Dwar il-manteniment ghal L.
Jigi rilevat li L ghadha tistudja full-time u ghalhekk l-konvenut ghandu jghaddi manteniment lill-attrici ghal L fl-ammont ta' mitejn ewro (200) fix-xahar tenut kont li dan huwa l-minimu kemm il darba hija tibqa tistudja full-time jew sal-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena liema wahda tigi l-ewwel.

Tali manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Kemm-il darba l-konvenut ikollu salarju, anke fl-Ingilterra fejn l-attrici tahseb li qeighed, dan l-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga tieghu.

**(5) Il-hames talba**

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut ghamel kumpanija ma' certu mara ciniza u skond l-pulizija zewgha harab maghha meta telaq minn Malta. Inoltre huwa abbanduna d-dar matrimonjali u l-familja minghajr ma zamm kuntatt mal-istess familja. Fil-fehma tal-perit legali dan huwa bizzejjed biex jigi stability li r-ragel ddekada milli jircevi manteniment minghand l-mara.

Ghalhekk din it-talba ghandha tigi milqugha stante li l-intimat ddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-intimata.

**(6)Is-sitt talba**

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri (28/10/2002)** 'l-obbli ta' manteniment tal-konjugi huma regolati bl-artikoli 3 tal-Kap. 16 li jiprovdi li:

*"il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja".*

Skond l-**artikolu 20 tal-Kap.16** il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezz ta' min ghandu jaghtih.

Dwar manteniment ghall-attrici, hija llum ghandha disgha u hamsin (59) sena u jkun difficli ghaliha li ssib xoghol, u anke jibqa l-fatt li hija ma ddekaditx minn dan il-manteniment minghand zewgha u li jekk zewgha qed jirrisjedi barra minn Malta huwa ghandu l-mezzi biex jaghmel dan, l-perit legali hija tal-fehma li huwa ghandu jghaddi manteniment ta' mitt ewro (100) fix-xahar ghall-attrici liema manteniment jigi awmentat ghal tlett mija u hamsin ewro (350) fix-xahar meta L ma tibqghax tistudja full-time jew taghlaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena liema wahda tavvera ruhha l-ewwel.

Tali manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Kemm-il darba l-konvenut ikollu salarju, anke fl-Ingilterra fejn l-attrici tahseb li qeighed, dan l-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga tieghu.

(7)**Is-seba talba**
l-attrici qed titlob li jigu applikati in toto jew in parti l-effetti tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kodici Civili inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lir-rikorrenti.

Jigi rilevat l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 16 gew imhasra.
Dwar l-applikazzjoni tal-effetti tal-artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili, dawn fil-fehma tal-perit legali ghandhom jigu milqugha anke tenut kont li gew ukoll milqugha fit-talbiet tal-attrici.

(8)**It-tmien talba**
Anke l-mobbli jekk baqa fl-istess dar matrimonjali ghandhom jigu assenjati lill-attrici.

Dwar id-dejn, jirrizulta li f'isem iz-zewg partijiet hemm dejn mal-HSBC Malta plc Dok HSBC 1 li sas-27 ta' Marzu 2014 kien ta' LM1285 (liri Maltin). Ir-ragel ghandu kont savings li ghadu miftuh HSBC 2 li ghandu biss xi ewro u xi ftit cents.

Il-partijiet ghandhom kont kongunt mal-Bank of Valletta plc Dok Bov 1 li sal-24 ta' Dicembru 2013 kellu bilanc ta'26.07c.
Ir-ragel ghamel dejn mal-Bank of Valletta plc li sal-31 ta' Dicembru 2013 kien jammonta ghal20,996.95c (Dok Bov 1) u Dok BOV 3 huwa statement ta' dan l-overdraft.

Jigi rilevat li minn Dok BOV3 jirrizulta li l-mara kienet iffirmat ghal dan l-consumer overdraft izda li minn Dok Bov1 jidher li dan id-dejn assumih kollu r-ragel.

Dwar dawn il-kontijiet u tenut kont li l-mara diga halset mid-dejn li ghamel ir-ragel specjalment meta kellha ssofri l-umiljazzjoni li tara marixxalli tal-Qorti izawmaw id-dar mill-

ghamara u nies li kienu jigu jhabtu d-dar biex jithalsu ta-dejn u tenut kont ukoll li ghamlet xi zmien thallas dan id-dejn, l-perit legali hija tal-fehma li l-kontijiet kongunti ghandhom jinghalqu u r-rikavat jekk baqa jigi mghoddi lil mara u d-dejn kollha mal-HSBC Malta plc u mal-Bank of Valletta ghandu jithallas esklussivament mir-ragel. Kemm-il darba l-mara tigi kostretta thallas xi haga minn dan id-dejn, hija ghandha tigi indennizzata.

Jigi rilevat li l-mara ma ghamlet ebda prova dwar x'dejn halset fosthom tal-kontijiet tad-dawl u ilma u ghalhekk l-perit legali ma tistghax tirrelata dwar dan.

Dwar il-kumpanija, Xiang Long Company Limited C-24587, l-perit legali qed tistrieh fuq li xehdet l-attrici cioe li zewgha ghamel din l-kumpanija mac-Ciniza u ghalhekk hija tal-fehma din hija responsabilita esklussiva tar-ragel li ghamilha u hlasijiet ta' multi, taxxa, vat huma a karigu tar-ragel ghalkemm ikun ghaqli ghal mara fil-fehma tal-perit legali li tiehu l-parir li ghandha tiehu sabiex tassigura ruhha li ebda dipartiment jew awtorita mhu ser tfittex lilha personalment ghal dawn il-hlasijiet.

(9**) id-disa talba**
Ebda prova ma saret dwar beni parafernali u jew dotali tal-mara u ghalhekk din it-talba ma tistghax tigi milqugha.

**(10) L-ghaxar talba**

F'din it-talba l-attrici qed titlob li tibqa tabita fid-dar konjugali .
Mill-atti jidher li d-dar matrimonjali li tiinsab appartament numru sitta (6) Block D Tal-Palazz l-Ahmar, Santa Venera hija mikrija lill-partijiet minghand l-Awtorita tad-Djar.
Fil-fehma tal-perit legali din l-kirja ghandha tigi assenjata esklussivament lill-attrici tenut kont li l-konvenut huwa htija tal-firda u wkoll l-konvenut abbanduna din id-dar u ma ha ebda interess kemm ilu li telaq minn Malta biex ihallas l-kera.

**Talba ghad-divorzju**

L-attrici ma ghamletx talba biex din l-kawza tigi konvertita f'wahda ta' divorzju u fl-umli fehma tal-perit legali tenut kont li l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erbatax il sena, hija tista taghmel din it-talba.

**Nomina ta' nutar**
l-attrici talbet nomina ta' nutar. Din ghandha tigi milqugha jekk il-Qorti thoss il-htiega tenut kont li l-partijiet ma ghandhom assi immobbli. Din it-talba l-attrici qed taghmilha fit-tmien talba.

**Konkluzjoni**
It-talbiet kollha ghajr id-disa talba ghandhom jigu milqugha."

Il-Qorti rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

Il-Qorti kkunsidrat il-provi kollha prodotti, sija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella kif wkoll quddiem il-Perit Legali Dr. Anna Mallia, inkluż l-affidavits esebiti. Ikkunsidrat ir-relazzjoni ppreżentata mill-istess Perit Legali u l-argumenti minnha mressqa. Il-Qorti hija tal-fehma, tenut kont tal-provi prodotti u tenut kont ukoll tal-ġjurisprudenza ċċitata mill-abbli Perit Legali (li ġja ġiet rapportata f'din is-sentenza), illi l-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Legali, kemm dawk legali kif ukoll dawk fattwali, huma korretti u għandhom jiġu abbraċċjati mill-Qorti.

Dwar <u>il-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ</u>, m'hemmx dubju li l-konvenut assenti rrenda ruħu ħati ta' moħqrija fil-konfront tal-attriċi, meta kien isakkarha d-dar, kien irabbi tmienja u għoxrin kelb fl-istess dar, fetaħ negozju mingħajr ma nformaha u finalment għabbiha bid-dejn tal-istess negozju filwaqt li huwa ħarab minn Malta. Il-Qorti taqbel mal-abbli Perit Legali, illi fil-każ odjern l-adulterju ma ġiex ippruvat sodisfaċentement. Illi għalhekk fil-każ odjern,

hemm raġunijiet biżżejjed biex jagħtu lok għas-separazzjoni tal-partijiet fuq ħtijiet tal-intimat.

L-erba' ulied tal-partijiet huma llum ilkoll maġġorenni, inkluż l-iżgħar waħda fosthom, li jisimha L[1], u għalhekk m'hemmx iktar lok illi l-Qorti tippronunzja ruħha dwar il-kura u l-kustodja tal-istess ulied.

Dwar ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, m'hemmx wisq x'jiżdied ma' dak illi ġie stabbilit mill-abbli Perit Legali u dana stante li l-provi prodotti f'dan ir-rigward huma pjuttost skarsi. Id-dar matrimonjali tal-partijiet hija flat mikri mingħand il-Gvern, fejn illum tgħix l-attriċi ma' bintha L, stante li uliedha l-oħra huma miżżewġa jew jgħixu għal rashom. Ma jirriżultax li hemm xi propjeta immobbli komuni bejn il-partijiet. Rigward il-mobbli, ħafna mill-għamara fid-dar matrimonjali ittieħdet in eżekuzzjoni ta' mandati intavolati minn kredituri tal-intimat assenti. Il-Qorti hija tal-fehma li jkun xieraq li dak li għad fadal, jitgawda mill-attriċi, stante li ilha għal ħafna snin tistinka waħidha għall-familja tagħha.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi B u dana minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenut assenti; tawtorizza lir-rikorrenti tgħix separatament minn mal-intimat;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talbiet tal-attriċi;

[1] L kellha sittax-il sena meta ġiet intavolata l-kawża f'Ġunju tal-2013.

3. Tordna lill-intimat iħallas lill-attriċi manteniment għal L ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar, sakemm l-istess L tkun għadha tistudja full-time, jew sakemm tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena, liema waħda tavvera ruħha l-ewwel; Dan il-manteniment jinqata' direttament mis-salarju jew mill-qligħ / pensjoni / benefiċċji tal-intimat;

4. Tiddikjara li l-intimat iddekada mid-dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand martu r-rikorrenti;

5. Tordna lill-intimat iħallas lill-attriċi manteniment għaliha ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar, li jiġi awmentat għal tliet mija u ħamsin Ewro (€350) fix-xahar meta L ma tkunx għadha tistudja full-time, jew meta tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena, liema waħda tavvera ruħha l-ewwel; Dan il-manteniment jinqata' direttament mis-salarju jew mill-qligħ / pensjoni / benefiċċji tal-intimat;

6. Tapplika kontra l-intimat l-effetti tal-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16) tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, u tillikwidaha billi:

    a. tassenja lill-attriċi l-mobbli kollha li baqa' fid-dar matrimonjali u l-flus li jinsabu f'kontijiet bankarji f'isimha jew flimkien ma' żewġha, liema kontijiet konġunti sussegwentement għandhom jiġu magħluqa;
    b. tassenja lill-konvenut id-dejn kollu sal-lum gravanti l-komunjoni tal-akkwisti, inkluż id-dejn li hemm mal-banek kummerċjali;

8. Tiċħad id-disa' talba attriċi minħabba nuqqas ta' provi;

9. Tawtorizza lill-attriċi tibqa' tabita fid-dar konjugali cioe Flat 6, Block D, Tal-Palazz l-Aħmar, Santa Venera, ad esklużjoni tal-intimat;

Bl-ispejjeż jiġu sapportati mill-intimat, b'dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.